# Beati u Qaddisin....Jannar

5 ta' Jannar

San Gwann Nepomuceno Neumann, isqof



Giovanni twieled gewwa l-Boemja fis-sena 1811. Ghalkemm studja biex isir sacerdot, ma irnexxilux. Allura fis-sena 1836 huwa emigra ghal Istati Uniti.

F'Manhattan huwa gie milquh tajjeb mill-isqof John Dubois li kellu biss 36 sacerdot ghal Istati ta' New York u New Jersey. Wara biss gimghatejn mill-wasla tieghu gie ordnat sacerdot u mibghut gewwa Buffalo fejn kellu il-kura ta' zona kampanjola. Biex jilhaq l-erwieh kollha afdati f'idejh huwa kien jorqod ftit u spiss jiekol hobz u ilma. Kien ihares ir-regola tar-redentoristi u fis-sena 1852 gie kkonsagrat isqof ta' Filadelfja fejn bena hames knejjes u beda il-kostruzzjoni tal-katedral. Iddedika ruhu ghaz-zaghzagh.

Bhala isqof hu kien ta' ezempju ghal kulhadd, kemm sacerdoti kif ukoll lajci.Huwa ma kienx jinqala' biex jamministra u ghaldaqstant tawh assistent, il-monsinjur Fredrick Woods, li kien bniedem espert f'dan il-qasam, pero, anke bniedem ambizzjuz. Woods kien jghinu lil isqof, izda xewqan li jissostitwih. Kien hemm l-ingredjietni kollha biex jinholoq konflitt imma r-reazzjoni ta' monsinjur Neuman kienet evangelika, ghax l-isqof kien qaddis. Lil Woods afdalu ic-centru tal-belt u rriserva ghalih ix-xoghol tat-trufijiet ta' Pennsylvenja. Kien bniedem ta' duttrina u kiteb katekizmu fuq it-taghlim tal-knisja.

Miet fis-sena 1860 u gie ikkanonizat fis-sena 1977 mill-Papa Pawlu VI.